MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 2/1994/2

**Ciro Del Negro u martu Dorothy Del Negro xebba Pirotta**

**v.**

**Joseph Caruana Montaldo u Joseph Naudi Montaldo bhala diretturi u ghan-nom u in rappresentanza ta' Montaldo Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta` assikurativa estera La Muteulle Du Mans Assurances i.a.r.d. (Le Mans Insurance)**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Jannar 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi s-socjeta` konvenuta fil-kapacita` taghha ta' agent ta' Le Mans Insurance assikurat il-karozza Lancia Thema

2.5TD SFL4P, bin-numru ta’ registrazzjoni NA Y05632, u dan skond il-polza numru MP3576/4260 f’isem l-attrici Dorothy Pirotta u kopja tac-certifikat tal-assikurazzjoni hija annessa u mmarkata Dok. “A”;

Illi permezz tal-endorsements numri 4105/1 u 4106/2 li kopji taghhom huma annessi u mmarkati bhala dokumenti “B” u “C” rispettivament l-imsemmija polza ta’ assikurazzjoni giet estiza ghal “Third party, fire and theft” u ghall-arja geografika li tinkludi Italja;

Illi l-imsemmija vettura nsterqet minn terzi fis-7 ta’ Jannar 1993 gewwa Napoli l-Italja, kif jidher mid-“Denuncia di furto ad opera di Ignoti” tal-Questura di Napoli li kopja taghha hija annessa u mmarkata Dok “D”;

Illi s-serq huwa wiehed mir-riskji kontemplati fil-precitata polza ta’ assikurazzjoni;

Illi l-konvenuti nomine naqsu milli jaghmlu tajjeb lill-atturi d-danni kollha sofferti minnu b’konsegwenza ta’ dan is-serq; Dok E u Dok F;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-kagun tal-imsemmi serq hu wiehed mir-riskji kontemplati u koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni numru MP3576/4260 li tahtha giet assikurata l-vettura fuq deskritta u bl-accessorji kollha taghha;
2. Tillikwida okkorrendo permezz ta’ periti nominandi d-danni kollha subiti mill-attrici b’konsegwenza u b’effett ta’ dan l-event dannuz konsistenti f’serq; u
3. Tikkundanna lill-istess konvenuti nomine jhallsu lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tac-citazzjoni sal-pagament effettiv u bil-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi jew min minnhom naqsu milli jaghtu informazzjoni relevanti lill-konvenut, ditta assiguratrici, kif ukoll kien hemm "misrepresentation" ta' informazzjoni, qabel ma sar il-kuntratt ta' assigurazzjoni li ghalhekk l-istess kuntratt huwa vizjat minhabba l-mala fede da parti tal-atturi jew min minnhom u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu micuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

(2) Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-25 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi migbura jirrizulta li l-attrici kienet assikurat f'isimha u b'kunjom xbubitha l-vettura Lancia Thema diesel numru M13F3965. Il-polza kienet tat-tip *Third Party only*. Mill-*proposal form* (Dok. DD2 anness ma' l-affidavit ta' David Debono (Manager, Motor Department tas-socjeta` konvenuta), jirrizulta li din il-vettura kellha tinsaq minn kwalunkwe persuna 'l fuq minn hamsa u ghoxrin sena, hlief l-istess attrici, izda inkluz l-attur zewgha.

L-attrici xehdet li hi u zewgha kienu spiss imorru l-Italja peress li l-familja tar-ragel taghha kienet minn Salerno. Fil-fatt f'Mejju u f'Lulju 1992 l-attrici talbet il-hrug ta' *Green Card* (Dok. DD3 u DD4) fuq l-imsemmija vettura, u f'Ottubru regghet talbet il-hrug ta' *Green Card* ghall-perijodu bejn Ottubru u Novembru 1992 (Dok. DD5). Fis-

17 ta' Novembru 1992 imbaghad l-attrici mliet *change form* fejn giet kancellata l-polza fuq il-vettura in kwistjoni peress li kienet inbieghet (Dok. DD9), u saret *proposal form* ghal assikurazzjoni fuq il-vettura mertu tal-kawza mill-istess attrici izda b'kunjom xbubitha. Mill-gdid hi ma kinitx ser issuq din il-vettura izda kwalunkwe persuna 'l fuq minn hamsa u ghoxrin sena. Iddikjarat li kienet sidt il-vettura (Dok. DD10). Fis-27 ta' Novembru 1993 l-attrici ffirmat *change form* u ziedet il-kopertura ta' l-assikurazzjoni minn *Third Party only* ghal *Third Party, Fire and Theft*. Inharget ukoll *Green Card* sa l-10 ta' Jannar 1993. Fit-8 ta' Jannar 1993 l-attrici nfurmat lill-assikurazzjoni li l-vettura kienet insterqet l-Italja.

Irrizulta lis-socjeta` assikuratrici attrici li f'Mejju 1990 karrozza Audi 100 registrata f'isem l-attur kienet insterqet Salerno l-Italja u l-assikurazzjoni Maltija Allied Insurance Services Limited kienet hallset kumpens ta' Lm7,500 lill-attur. Irrizultalha wkoll li f'Jannar 1992 karrozza Volvo ukoll registrata f'isem l-attur kienet insterqet f'Salerno l-Italja u s-socjeta` assikuratrici Maltija Messrs. R. Von Brockdorff kienet allset kumpens ta' Lm11,500.

L-attrici fix-xiehda taghha ssemmi serqa differenti minn dawn. Hi tghid li f'April 1992 l-karrozza Lancia Thema diesel li kienet assikurata mas-socjeta` konvenuta *Third Party only* kienet insterqitilhom f'Salerno pero` nstabet l-ghada mill-Pulizija. Hi tghid li meta gew Malta riedu jestendu l-polza ghal *Third Party, Fire and Theft* ukienu kellmu dwar dan lil certu Paul galea fl-ufficcju l-Msida u kienu qalulu x'kien gralhom. Dan kien ivverifika ma' l-ufficcju l-Belt u kien zdied il-*premium*. Hi xehdet li meta nsterqitilhom l-vettura f'Jannar 1993 mill-ewwel ghamlu rapport lill-Pulizija u nfurmaw lill-assikurazjoni. Hi qalet li l-assikurazzjoni kienet fuq kunjom xbubitha peress illi l-Italja kien hemm l-uzanza li l-mara zzomm kunjom xbubitha. Fil-fatt gew esebiti kemm il-passaport kif ukoll il-karta ta' l-identita` li t-tnejn jindikaw lill-attrici b'kunjom xbubitha. L-attrci ziedet tghid li wara li saret il-*claim* kienet tkellem lis-Sur Debono ta' l-assikurazzjoni fuq it-telefon li dejjem kien itawwal b'xi skuza. Fil-kontro-ezami l-attrici qalet li zewgha kien dilettant tal-karrozzi u fi tnax-il sena

kellu diversi, fosthom Audi, Volvo, Ritmo u Lancia. Hi qalet li sa fejn taf insterqulhom Lancia, Volvo u Ritmo u li meta marru jaghmlu l-assikurazzjoni tal-vettura mertu tal-kawza kienu qalu b'dan lil Paul Galea. Mieghu kien hemm impjegat iehor, certu Lawrence.

L-attur ikkonferma li meta assikuraw il-vettura f'Marzu 1992, kien mar ma' amrtu u nfurmaw lil certu Paul Galea u certu Degiorgio li riedu jassikuraw il-vettura *Third Party* biss u meta dawn issuggerew *Fire and Theft* uwa qalilhom li ma riedx *"per scaramanzia"* ghax kellu zewg serqiet precedenti.

David Debono ghas-socjeta` konvenuta jixhed li l-ewwel darba li l-assikurazzjoni saret taf b'xi serqiet precedenti kien wara li giet rappurtata lilhom is-serqa tal-vettura in kwistjoni. Hu qal li minn indagini li ghamel skopra li zewg l-attrici bil-kunjom Del Negro kienu nsterqulu zewg karrozzi u gie rimborsat mill-assikurazzjonijiet Maltin. Iktar tard meta l-attrici mliet is-*supplementary claims questionnaire* (Dok. DD17) hi nizlet li precedentement kellha serqa ohra - dan b'referenza ghall-karrozza li kienet insterqet u regghet instabet. In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li fis-serqiet ta' l-Audi u tal-Volvo l-assikurat kien Ciro Del Negro u mhux martu. Il-polza mertu tal-kawza saret direttament maghhom u mhux ma' l-agent tas-socjeta`. Qal ukoll illi l-attrici kienet qaltilhom bis-serq ta' zewg vetturi ohra, apparti dik li kienet insetrqet u nstabet, meta mliet il-*claim form*. Meta ghamlet iz-zewg poloz mas-socjeta` konvenuta ma kinitx qaltilhom li mizzewga lil Ciro Del Negro, ghalkemm mill-*questionnaire* ma kienx jirrizulta jekk gietx mitluba tinforma lill-assikurazzjoni jekk hix mizzewga jew le. Ix-xhud zied jghid li huma ma jiccekkjawx fuq min hi registrata l-vettura izda biss jekk min qed jaghmel l-assikurazzjoni ghandux licenzja tas-sewqan. Lanqas ma jsiru domandi dwar min ser juza l-karrozza basta li jkollu licenzja b'sentejn esperjenza tas-sewqan.

Il-kwistjoni kollha fil-kaz in dizamina hi jekk l-attrici naqsitx milli tinforma lill-assikurazzjoni b'fatti materjali li setghu

influwenzawha fid-decizjoni taghha biex tiehu r-riskju relattiv.

John Birds[1] ighid: *"The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as* ***uberrimae fidei****, that is, of the utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material … The basic effect of the duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within his knowledge which the latter does not or is not deemed to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract* ***ab initio****, and upon avoidance it is deemed never to have existed".*

Birds jikkwota lil Lord Mansfield fis-sentenza ngliza fl-ismijiet *Carter v. Boehm* li stabbiliet l-obbligu ta' *disclosure*: *"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only: the under-writer trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the under-writer into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risqué as if it did not exist".*[2]

Il-Qrati taghna dejjem ikkonfermaw dawn il-principji u mxew maghhom. B'hekk fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet *Joseph Mamo vs Joseph Grech et* fit-3 ta' Ottubru, 2002, intqal:

*"Hekk fil-kawza* ***<u>Camilleri noe vs Bartolo</u>*** *deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu 1982, polza ta' asskurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikuratrici li kien ghamel claims ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali handu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt*

[1] <u>*Modern Insurance Law*</u>, 4th ed.; Sweet & Maxwell, London; 1997, p. 100 - 101
[2] *op. cit.* pagna 102.

*bhala 'fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju'. Fil-kawza* ***Degiorgio vs Agius****, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Gunju 1962 (Vol. XLVI.ii.656) intqal li 'il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi'. Principju simili gie ribadit dan l-ahhar minn din l-istess Qorti fil-kawza* ***Muscat vs Gasan Insurance Agency Limited*** *deciza fit-2 ta' Marzu 1998.*

*Fid-dawl tal-premess huwa ghalhekk principju accettat mill-Qrati Maltin li huwa dmir tal-assikurat li jikxef lill-assikuratur kull cirkostanzi relevanti ghall-kaz u in partikolari billi jwiegeb korrettement kull domanda li jkun hemm registrata fil-polza"*.

Kuntratt ta' assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz.

Fil-kaz in ezami l-attrici kellha l-ikbar obbligu meta qed taghmel assikurazzjoni fuq vettura *Third Party, Fire and Theft* li tinforma lill-assikurazzjoni li f'okkazjoni precedenti (dik ta' April 1992) kienet insterqitilha karrozza li wara nstabet. Din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li hija kellha l-obbligu li tinforma lill-assikurazzjoni dwar is-serq taz-zewg vetturi li kienu f'isem zewgha. Dan l-obbligu johrog car meta l-kunjom li ghogobha taghti lill-asskurazzjoni kien dak ta' xbubitha u aktar u aktar meta zewgha kien ser ikun is-sewwieq principali, jekk mhux l-uniku, ta' din il-vettura.

L-assikurazzjoni, rinfaccjata b'dawn il-fatti materjali, setghet ivvalutat ir-riskju b'mod ahjar. Mhux bizzejjed ghall-attrici li tghid li fl-Italja jzommu kunjom xbubithom, ghax l-assikurazzjoni saret f'Malta u kieku tat il-kunjom taghha bhala mizzewga, l-assikurazzjoni forsi seta' jkollha hjiel ahjar ta' dak li kien gara qabel.

Inoltre meta tara l-*proposal form* fuq il-vettura mertu tal-kawza (Dok. DD10), ghad-domanda numru disgha (9) li tghid *"Have you in the past three years been involved in any accident or suffered any loss in connection with* <u>*any*</u> *motor vehicle?*" hi rrispondiet *"No."* Fil-fatt din hi risposta zbaljata u zvijanti ghaliex il-vetturi l-ohra li nsterqu kienu taghha u ta' zewgha flimkien u l-hsara kienet sofrietha hi wkoll. L-atturi kienu domiciljati f'Malta u l-attrici xehdet li kienu jmorru l-Italja ghal vakanza biss. Kwindi l-proprjeta`, inkluz il-vetturi, li kellhom l-atturi fiz-zwieg kienet tappartjeni lilhom indivizament.

Fil-*proposal form* l-attrici ddikjarat: *"I, the undersigned, do hereby warrant the truth and correctness of all the above statements and particulars and I declare that I have not witheld any material information…."* Mis-suespost pero` jirrizulta li l-attrici zammet lura milli tinforma lis-socjeta` konvenuta b'fatti ta' rilevanza kbira ghar-riskju li l-assikurazzjoni kienet ser tiehu, u cioe` li f'perijodu ta' sentejn kienu nsterqulhom erba' karrozzi li minnhom nstabet wahda biss u li, registrati fuq min kienu registrati, kienu jinstaqu mill-attur, cioe` r-ragel ta' l-attrici. In-nuqqas ta' l-attrici ghalhekk jikser l-obbligu ta' l-*uberrimae fidei*. U ghalkemm l-atturi qalu li kienu semmew is-serqiet precedenti meta assiguraw il-vettura in kwistjoni, kien jinkombi fuqhom li jippruvaw dan billi jtellghu lill-persuni li huma ndikaw, persuni li sahansitra kienu ndikati fil-lista tax-xhieda taghhom. Ir-rizultanzi attwali juru mod iehor, u dan kemm in vista tac-cahda kategorika ta' David Debono kif ukoll mill-kontenut tal-*proposal form* stess.

Konsegwentement it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------